**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Marzu, 2016**

Talba Numru: 832/2012JB

Kawza Numru: 1

**Borg Carmelo**

***vs***

**Borg Ryan u Bank of Valletta plc**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-21 ta' Dicembru 2012 li permezz tieghu l-Attur talab li l-Konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elfejn euro (€2,000) rapprezentanti ammont ekwivalenti fi flus li huwa kien iddepozita nhar l-24 ta' Awissu 2012 fil-fergha tal-Bank intimat gewwa l-Balluta f'kont li l-istess Attur ghandu mal-Bank intimat, liema depozitu baqa' ma giex kreditat fil-kont tal-Attur ghal raguni inspjegabbli jew ghal raguni negligenti jew qarrieqi tal-Konvenut Borg li hu impjegat tal-istess Bank intimat. Talab ukoll l-ispejjez u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-18 ta' Frar 2013;

Ra r-risposta tal-Bank intimat (a fol 4) prezentata nhar it-8 ta' Frar 2013 li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

1. Li mhuwiex minnu li nhar l-24 ta' Awissu 2012 l-Attur iddepozita s-somma ta' €5,750 imma ddepozita biss is-somma ta' €3,750 kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza;
2. Li kien biss gimghatejn wara li l-Attur iddepozita s-somma ta' €3,750 li hareg l-istorja li kien effettivament iddepozita s-somma ta' €5,750;
3. Li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra r-risposta tal-Konvenut Ryan Borg (a fol 7) prezentata nhar il-15 ta' Frar 2013 li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

1. Li l-Attur jehtieglu jipprova l-involviment tal-Konvenut fil-kwistjoni odjerna inkluz li kien l-eccipjenti li rcieva l-flus allegatament depozitati mill-Attur;
2. Li l-ammont depozitat mill-Attur fid-data minnu premessa kien proprju dak l-ammont korrettament inserit fil-kont bankarju tieghu;
3. Li l-eccipjenti mhuwiex responsabbli ghal kwalsiasi nuqqas li talvolta jinstab;
4. Li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dikjarazzjoni ta' rikuza verbalizzata fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2013 (a fol 31) u l-konsegwenti assenjazzjoni tal-kawza;

Ra li l-kawza kif assenjata regghet tqieghdet ghas-smiegh ghas-seduta tas-27 ta' Novembru 2013;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi fil-kaz odjern, it-Tribunal ghandu quddiemu talba sabiex il-Konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' €2,000 u dan peress li qed jinghad li l-Attur iddepozita mal-Bank intimat s-somma ta' €5,750 izda fil-kont tieghu giet kreditata biss is-somma ta' €3,750. Il-Konvenuti jichdu dan.

Illi mill-assjem tal-provi, jirrizultaw pozizzjonijiet ghal kollox kontrastanti. Minn banda, l-Attur qieghed jghid li hu midhla tal-banek kif inhu midhla wkoll tal-fergha tal-Bank Konvenut tal-Balluta fejn sahansitra ghandu zewg *safety deposit boxes*. Jghid li dak in-nhar indikat fl-Avviz tat-Talba, huwa kien gabar is-somma ta' €11,000 u ddecieda li jiddepozita s-somma ta' €5,750 u dan gewwa l-fergha tal-Bank Konvenut fil-Balluta. Jghid li din is-somma kienet komposta minn hamsa u sebghin karta tal-flus ta' denominazzjoni ta' hamsin euro (€50) u mitt (100) karta tal-flus ta' denominazzjoni ta' ghoxrin euro (€20). Jghid li hu pprezenta l-flus lill-kaxxier u dan ghaddihom mill-magna u l-ammont kien jaqbel. Sadanittant, informa lill-Manager li ried jaccedi fis-*safety deposit box*. Jghid li l-kaxxier rega' ghadda l-flus mill-magna u f'xi hin waqqafha madankollu hu qabad u ffirma d-dokument tad-depozitu. Jghid li ma harisx lejn id-dokument u tefghu fil-but u mar jaghmel li kellu jaghmel fis-*safety deposit box*. Jghid li sussegwentement il-mara tieghu kienet staqsietu kemm kien iddepozita u fil-waqt li hu qalla li l-ammont kien ta' €5,750, il-mara qaltlu li fil-kont kien hemm €3,750. Sadanittant l-Attur kien siefer u pprova jkellem lill-Bank waqt li kien imsiefer. Fil-fatt kien baghat email u kien hemm skambju ta' korrispondenza. Wara kellem lil Ivan Gaffiero li huwa addett mal-Bank fil-fergha. L-Attur jghid li talabhom izommu l-*footage* tas-CCTV. Kienu infurmawh li ma kienu sabu ebda flus zejda. Jghid li meta kien mar jiddepozita, kien qdieh il-Konvenut Borg izda ismu ma kienx jidher fuq l-ircevuta tad-depozitu. Jghid li mill-Bank kienu qalulu li ma jistghu jaghmlu xejn u ghalhekk irrikorra ghall-passi legali. Ix-xhud ipprezenta wkoll id-dokument tad-depozitu (a fol 25). Meta rega' xehed (a fol 52) ikkonferma li l-persuna li qdietu kienet proprju l-Konvenut Ryan Borg.

Illi mill-banda 'l ohra ix-xhieda min-naha tal-Konvenuti jichdu dak allegat mill-Attur. Ivan Gaffiero (a fol 40) stqarr li kien ircieva ilment minghand l-Attur. Huwa qal xi stharrig kien ghamel u xehed li kienu nzammu xi *stills* mis-sistema tas-CCTV. Ma jiftakarx jekk rax il-filmat tal-kamera li taghti ghal fuq il-kaxxier li laqa' d-depozitu (il-Konvenut Ryan Borg) ghad li jiftakar li ra *stills*. Xehed ukoll li l-filmat jinzamm ghal mhux aktar minn xahar. Meta rega' xehed (a fol 87) qal li l-ewwel darba li l-Bank ircieva ilment minghand l-Attur kien proprju fis-7 ta' Settembru 2012. Charles Vassallo imbaghad xehed (a fol 53) li hu kien il-*Manager* tal-fergha u jghid li jiftakar il-kaz. Jghid li kien ra l-filmat mehud mis-sistema tas-CCTV. Vassallo jghid li meta staqsa lill-Attur kemm il-mazz ta' kontanti kien ta lill-kaxxier, ossia lill-Konvenut Ryan Borg, dan qallu tlieta izda x-xhud jikkonferma li meta ra l-filmat ra biss zewg mazzi. Stephen Mangion li hu l-*Manager* tal-fergha jghid li ma sabx filmati. Meta xehed il-kap tas-Sigurta tal-Bank intimat, Alexander Miruzzi (a fol 70) dan stqarr li l-filmat kien thassar gjaladarba ma kienx hemm talba sabiex il-filmat jinzamm. Il-Konvenut Ryan Borg stqarr (a fol 80) x'inhi l-procedura li tigi segwita meta jsir depozitu. Hu stqarr li ma jiftakarx li kienu saru xi lmenti mieghu dwar id-depozitu u cahad li kien zamm xi flus tal-Attur. Jghid li sar *mock test* biex jitqabbel mar-ritratti li ttiehdu mill-filmat tas-CCTV u gew prezentati anke ritratti ta' dan l-ezercizzju. Gie spjegat li l-iskop tal-ezercizzju kien li jigi konstatat kif jidhru l-mazzi bl-ammonti diversi involuti fil-kawza.

Il-Bank Konvenut ipprezenta wkoll ghadd ta' dokumenti, fosthom kopja tad-dokument tad-depozitu iffirmat mill-Attur (a fol 77) fejn hemm indikat car li l-ammont depozitat kien ta' €3,750.

Illi minn ezami tal-provi jidher bic-car li l-immagni mehuda mill-filmat tas-CCTV ma tantx jistghu jitfghu dawl fuq il-kwistjoni. Ghalhekk it-Tribunal irid joqghod fuq dak li xehdu x-xhieda li tressqu fil-kawza u fuq id-dokumenti prezentati. Hu car li d-dokument tad-depozitu inhareg ghal €3,750. Dwar dan mhawnx kontestazzjoni tant li l-Attur pprezenta l-parti li tinzamm mid-depozitant (a fol 25) fil-waqt li l-Bank Konvenut ipprezenta kopja tal-parti li tinzamm mill-Bank (a fol 77) fejn tidher ukoll firma u n-numru tal-karta tal-identita li jaqbel ma' dak tal-Attur riportat kemm fuq l-Avviz tat-Talba kif ukoll fuq id-dokument a fol 25. Ghad li hu minnu li l-Attur ma tressaqx sabiex jikkonferma l-firma li tidher fuq dan id-dokument, wiehed irid izomm f'mohhu li t-Tribunal mhuwiex marbut bil-principju li ghandha tingieb l-ahjar prova. Certament li dan id-dokument ghandu valur probatorju qawwi u ghalhekk, it-Tribunal sejjer iqis il-portata tieghu.

Huwa ben risaput li *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur* madankollu dan il-principju mhuwiex assolut u jaghti lok ghal eccezzjonijiet. Fis-sentenza tas-26 ta' Mejju 1952 fl-ismijiet "Morana *vs* Spiteri *et*", il-Qorti tal-Appell sostniet li bhala regola mhumiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub pero` rriteniet li din mhijiex regola assoluta u ma tapplikax f'dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi impunjat minhabba simulazzjoni. Lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher li l-kontraenti ghamlu kuntratt biex ighattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt. Il-Qorti tal-Appell kienet irriteniet li l-principju "*contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur*" jibqa` jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm, zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali.

Fil-fehma tat-Tribunal mhemmx dubju li d-dokument prezentat mill-Attur (a fol 25) u mill-Bank Konvenut (a fol 77) ghandu jaghmel fidi ghal dak li gara dak in-nhar tad-depozitu sakemm ma jigix ppruvat li kien hemm xi zball. Il-Konvenuti jinsistu li ma sar l-ebda zball.

L-Attur jghid li hu ma rax id-dokument ghaliex kien mghaggel. Certament li dan il-fatt jimmilita kontra l-Attur li jkompli jghid li kienet martu li ntnebhet bis-suppost "zball". It-Tribunal iqis li din il-persuna ma tressqitx sabiex tixhed u dan minkejja l-ghadd ta' seduti li kienu dedikati ghall-provi tal-Attur.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal iqis li mill-provi prodotti quddiemu, ma jezistux ragunijiet gravi bizzejjed sabiex jiskarta dak li jirrizulta mill-imsemmi dokument u joqghod fuq il-verzjoni tal-Attur li hija kuntrastata bil-qawwi b'xhieda ohra. Fic-cirkostanzi ghalhekk, it-Tribunal iqis li t-talba attrici ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi u se jghaddi sabiex jichadha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-Konvenuti, jichad it-talba attrici. L-ispejjez ikunu a karigu tal-Attur.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*